# 52. Ir-Rebħa

Żewġ aħwa, żewġ żgħażagħ għasafar,
imnissla f'ġuf ommhom flimkien,
u faqqsu flimkien f'bejta waħda
u daqu tal-ajru l-ħelsien.

Iltaqgħu flimkien ma' għasfura
fuq ċinta fuqana ta' dar...
Xtaquha flimkien u ħabbewha
bi mħabba li taħraq bħan-nar.

U ssieltu flimkien min jeħodha
bil-qilla, b'munqarhom merfugħ,
sakemm l-aktar wieħed li jiflaħ
fl-art qaleb u qatel lil ħuh,

U mċappas ta' ħuh b'ħafna dmija
iżżewweġ l-għasfura rebbieħ,
u b'mewġa qawwija ta' demmu
ġo fiha dlonk nissel sitt frieħ.